MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 131/2007

John Attard
vs
Carmel sive Charles Attard u b’digriet tal-5 ta’ Marzu 2007 giet kjamata fil-kawza s-socjeta` Attard Brothers (P38)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tieghu espona:

1. Illi bejn l-attur u l-konvenut kienet tezisti socjeta` an nom collectif maghrufa bhala Attard Brothers debitament registrata mar-registratur tas-socjetajiet bin-numru P38/10 u regolata mill-ftehim socjali kopja ta’ liema giet ezebita mar-rikors guramentat u immarkata Dokument A;

2. Illi skond il-klawsola numru 5 tal-istess ftehim socjali gie stabbilit bejn il-partijiet:

***"5. The Partnership is being formed for a period of one year from 1/11/98, provided that if no one of the Partners shall give notice by registered letter to the other Partner, at least one month before the expiry of the original or of any of the renewed terms, then the Partnership shall be considered to be automatically renewed for a further period of one (1) year so that the term of the Partnership may be renewed from one (1) year to one (1) year until notice to the contrary is given as aforesaid."***

3. Illi b'ittra ufficjali tal-20 ta' Lulju, 2006, l-attur intima lill-konvenut li huwa ma kienx bi hsiebu jgedded l-istess ftehim socjali wara l-iskadenza tieghu u interpella lill-konvenut biex jghaddu ghal-likwidazzjoni u stralc tal-fuq imsemmija socjeta`, liema ittra giet ezebita mar-rikors guramentat u immarkata Dokument B;

4. Illi l-attur b'ittra tat-28 ta' Awissu, 2006 mibghuta permezz tal-avukat tieghu intima lir-Registratur tas-Socjetajiet li huwa ma kienx bi hsiebu jgedded l-istess ftehim ghall wara l-iskadenza tieghu fl-1 ta' Novembru, 2006 liema ittra giet ezibita mar-rikors guramentat u immarkata Dokument C;

5. Illi l-konvenut baqa' ma ta l-ebda risposta ghall-intimi ta' l-attur;

6. Illi ghalhekk is-socjeta` fuq imsemmija spiccat mat-terminu stabbilit fl-att socjali fl-1 ta' Novembru, 2006 u ghaldaqstant sfat xolta;

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. tiddikjara li l-perijodu stabbilit mill-*Memorandum and Articles* tas-socjeta` Attard Brothers Registrazzjoni P38/10 skada;

2. tordna x-xoljiment tas-socjeta` premessa a tenur tal-artikolu 35(a) tal-Att dwar il-kumpaniji;

3. tahtar stralcarju ghax-xoljiment tas-socjeta` a tenur tal-art 37(2) ta' l-Att dwar il-kumpanija.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat li permezz taghha espona:

1. Illi fl-ewwel lok il-gudizzju mhux integru u dan peress li kif jirrizulta car mir-rikors guramentat, qed jintalab l-istralc tas-socjeta' *en nom collectif* Attard Brothers (P38) li a bazi ta' l-Artikolu 5 ta' l-istatut kostituttiv taghha qieghed jinghad u jintalab li l-imsemmija socjeta` ma giex prorogat it-terminu taghha, u allura anke l-fatt biss li qieghed jintalab li jinhatar stralcjarju ghax-xoljiment ta' l-istess socjeta`, huwa manifestament car li s-socjeta` kellha tigi citata fil-gudizzju, u ghalhekk ifisser illi l-gudizju mhux integru u l-intimat allura ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi subordinatament minghajr pregudizzju ghas-suespost, gie rilevat illi Artikolu 8(c) ta' l-istess statut kostittuttiv ta' l-istess socjeta` jiddisponi kif ser jinghad:
"*The above mentioned method of assessment [*cioe` b'referenza ghall-valur tas-socjeta`*] shall apply in all cases of liquidation which should be finalised within three months from when the valuer is chosen*".

Allura dan ifisser illi John Attard ma setax jipprocedi bl-istanti qabel ma tigi segwita l-procedura stabbilita f'Artikolu 8 ta' l-imsemmi statut, u kwindi din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tat-talbiet ta' l-imsemmi John Attard, u ghalhekk anke f'dan il-kaz, l-intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra John Attard.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fil-meritu inghad dan li gej: fil-verita` l-imsemmi John Attard qieghed

jipprocedi bil-kawza odjerna peress li jrid illi jistultifika kull hlas li diga' kien hemm qbil fuqu, li huwa dovut lil Carmel Attard kif ser jigi ippruvat fil-kors tal-kawza, tant li diga' hemm diversi kawzi mill-intimat kontra l-imsemmi John Attard li jgibu s-segwenti numri, u cioe` Citazzjoni Numru 89/2004, Prim'Awla tal-Qorti Civili, Onor. Imhallef Joseph R. Micallef fl-ismijiet **Carmel sive Charles Attard vs John Cuschieri**, li tinsab differita ghat-28 ta' Marzu 2007, fl-ismijiet **Charles Attard *nomine* vs Charmaine Vella *et*.** Illi din il-kawza ghandha tistenna l-ezitu ta' dawn is-sentenzi biex jigu kristallizzati l-ammonti li ghandu jiehu ghal ragunijiet differenti l-istess intimat minghand is-socjeta` Attard Brothers (P38).

4. Illi di piu` *cionostante* t-talbiet ta' l-attur huma kostruwiti fuq il-fatt li skada t-terminu tas-socjeta` u ghamel id-debitu avviz ghax-xoljiment, xorta wahda ghandu jigi stabbilit jekk l-attur kienx ghaqli u mexxiex b'dik id-diligenza li trid il-ligi lis-socjeta` in kwestjoni u di piu` ghandu jigi accertat li jigu salvagwardjati d-drittijiet kollha ta' l-intimat fil-kors ta' din il-kawza, anke in vista tal-krediti li ghandu kontra l-istess socjeta`, liema krediti ser jigu wkoll ippruvati fil-kors ta' din il-kawza.

5. Salvi risposti ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit tar-rikorrent <u>John Attard</u>, fejn issemma li s-socjeta` kienet topera n-negozju taghha mill-

istabbiliment Marbelt Department Stores fil-Marsa u bejn is-snin 1993 u 1998 is-socjeta` (P38) kienet qed topera n-negozju taghha b'telf finanzjarju kbir. F'dawn is-sitt snin (1993-98) is-socjeta` tilfet total ta' Lm53,188. F'Novembru ta' l-1998, iz-zewg diretturi ta' Attard Bros., John u Charles Attard, ftehemu u bieghu l-istabbiliment minn fejn kienu joperaw in-negozju, li huwa il-Marbelt Department Stores, u anke qasmu nofs bin-nofs l-i*stocks* kollu li kien fadal. Kellhom il-hsieb li jillikwidaw ghal kollox. Damu fl-ufficcju tal-Hamrun mill-1 ta' Novembru, 1998 sal-31 ta' April, 2004, meta Charles Attard iddecieda li ma riedx li jkompli aktar laqghat u anke irrifjuta li jiffirma ghal hlasijiet tal-kera ta' l-ufficcju u ghal spejjes ohra. F'dan l-istadju qabbdu lill-konsulent taghhom Godwin Micallef bhala Administratur tas-socjeta`. Sa mis-sena 1999 sa metaipprezenta l-affidavit is-socjeta`, Attard Bros. ma kienet qed taghmel l-ebda tip ta' negozju. Zied li hu u l-konsulent tas-socjeta`, Attard Bros., Godwin Micallef kienu issuggerew biex is-socjeta` zzomm kont bankarju kurrenti bi ftit flus u l-kumplament tal-flus jigu maqsuma bejn iz-zewg diretturi, John u Charles Attard. Izda Charles Attard, biex jinki ma riedx jaccetta li jaqsmu xi flus, hi x'inhi s-somma.

Semma l-kontijiet mal-banek u zied li hu u Charles Attard iffirmaw kuntratt mal-HSBC fejn il-bank intrabat li kull xahar iqassam il-flus li jkun hemm fis-*Savings Account* u jibaghthom nofshom lilu u n-nofs l-iehor lil Charles Attard. Wara li fis-16 ta' Novembru, 1999, Charles Attard kiteb lill-HSBC fejn talbu biex iwaqqaf il-pagamenti li kull xahar kien jaghmel mis-*Savings Account*.

Is-socjeta` Attard Bros. (P38) ghandha erba' (4) kawzi pendenti quddiem il-Qorti. Tnejn minn dawn il-kawzi, is-socjeta` qed tfittex terzi persuni ghal danni li allegatament ghamlu lis-socjeta`. Dawn iz-zewg kawzi qeghdin ghas-sentenza. F'kawza ohra, Attard Bros. qed tfittex debitur ghaliex naqas li jkompli jhallas il-pagamenti li ghandu jaghti lis-socjeta` Attard Bros. Ir-raba' kawza ghadha ma gietx appuntata.

Minn dan kollu jirrizulta li s-socjeta` m'ghandhiex bzonn thalli dawk il-flus kollha fil-Banek u ghalhekk ghandhom jigu maqsumha bejn iz-zewg diretturi, John u Charles Attard.

Xehed ir-rikorrent John Attard u semma li kien baghat ittra lil huh biex il-kumpanija tigi likwidata. Sab nuqqas ta' koperazzjoni minn huh. Mistoqsi jekk wahda mir-ragunijiet li ma mexxiex ghal-likwidazzjoni ghax huh sostna li kellu jiehu xi flus, qal li huh ma kellux jiehu. Huma kienu qasmu kollox inkluz il-bini. Qatt ma tqabbdet persuna biex tistma l-affarijiet li kellha l-kumpanija ghalkemm darba nhareg *value* ta' parti mill-kumpanija u dan sabiex tinxtara minn wiehed mill-*partners*.

Gie prezentat affidavit ta' Godwin C. Micallef amministratur/medjatur tas-socjeta` mill-4 ta' Ottubru 1997 fejn semma li John u Charles Attard huma t-tnejn *partners* tas-socjeta` *En Nom Collectif* illi ggib l-isem ta' Attard Brothers, bin-numru tar-registrazzjoni P38. Qabel l-4 ta' Ottubru 1997, kien il-konsulent finanzjarju tas-socjeta`, u din ilha *Non Trading* mill-1998 u f'dik is-sena bieghu l-hanut illi kellhom il-Marsa bl-isem ta' Marbelt.

Fis-snin 1999 u 2000 gew dikjarati ammonti zghar ta' qligh fil-*VAT Return* tas-socjeta` li kienu jirriflettu l-bejgh ta' l-i*stocks* li kien ghad fadlilha u mis-sena 2001 l-*VAT Returns* taghha kienu kollha prezentati bhala *Non Trading*. Wara l-2004 ma baqax jagixxi aktar ta' medjatur ghalkemm John u Charles Attard qablu li kellu jibqa' amministratur. Sa fejn kien jaf hu s-socjeta` hawn fuq imsemmija ma kellha ebda kredituri. Qal ukoll li sa fejn jaf hu s-socjeta` ghandha 4 debituri li ttellghu l-Qorti.

Xehed Godwin Micallef u semma li mill-2004 l-kumpanija waqfet tixtri u tbigh.

Gie prezentat affidavit ta' l-intimat Charles Attard fejn semma li mid-Dokument CAX 1 mahdum mill-*accountant* Godwin Micallef jirrizulta li hu kellu jiehu minghand il-*partnership* is-somma ta' Lm20,865. Dan huwa biss parti minn dak li kellu jiehu, ghax hemm pendenzi ohra. Qal li

dan anke jirrizulta mill-minuti ta' laqgha partikolari (Dok. H anness mar-risposta guramentata) li juri li anke l-istess huh John kien ammetta li kien hemm dejn favur tax-xhud.

Dawn il-pretensjonijiet ikomplu jirrizultaw anke minn minuti tal-laqgha numru 155 tal-*partnership*, liema minuti huma iffirmati kemm mir-rikorrent u kif ukoll minnu, li juru li kellu jiehu, dak iz-zmien, is-somma ta' Lm14,076 (Dok. CAX 2).

Qal ukoll li kien ilu ta' l-opinjoni li l-*partnership* ma jigix likwidat, peress li kellu dawn il-pretensjonijiet kontra l-*partnership*. Dan jirrizulta fost ohrajn minn minuti tal-laqgha numru 157 prezentati bhala Dok. CAX 3.

Fil-kapacita` tieghu personali wkoll kien jaghti flus b'self lis-socjeta` Attard Brothers, u wahda minn dawn l-istanzi hija meta avvanza lis-socjeta` Lm3,000 fil-15 ta' Novembru, 1991, u ghal dan is-self kienet saret dikjarazzjoni iffirmata mir-rikorrent stess (Dok. CAX 4). Irrefera ghall-kawza pendenti li fetah f'ismu personali kontra r-rikorrent u l-*partnership* sabiex jiehu l-flus li ghandu jiehu minghand il-*partnership.* Sostna li l-flus li hemm fil-banek, kemm fil-Bank of Valletta p.l.c. u kemm fl-HSBC Bank (Malta) p.l.c., kollha qed jaghmlu tajjeb ghal dawn il-pretensjonijiet li ghandu, u sakemm tigi ccarata din il-kwistjoni tal-kredituri, il-flus ghandhom jibqghu hemm. Zied li dak li qal Godwin Micallef fl-affidavit tieghu, fis-sens li l-*partnership* m'ghandux kredituri m'huwiex korrett u dan minhabba li hu kreditur tal-*partnership*.

Ikkonferma li n-negozju tas-socjeta' kien qed ikollu telf, izda jekk kif ried l-attur li jaqsmu l-flus hu kien ser jibqa' jkollu jiehu. B'referenza ghall-ittra lill-HSBC biex ma jqassamx il-flus dan kien ghamlu biex jikkawtela l-pozizzjoni tieghu. Ghalhekk sostna li sakemm jigu iccarati dawn il-punti, is-socjeta` ghandha tibqa' in ezistenza.

<u>Audrey Ghigo</u>, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta p.l.c., xehedet li fil-prezent fil-Bank hemm *savings account* bin-numru 037027299050. Dan infetah fis-7 ta' Settembru, 1998 u hemm bilanc ta' €49,187.86.

Dr. Claudette Fenech, in rapprezentanza tal-MFSA, xehedet li Attard Bros. kienu *partnership* u kienu ezentati milli jibghatu r-rendikont lill-MFSA.

Romuald Attard, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta, xehed li dwar Attard Bros. hemm kont wiehed li huwa *current account*. Dan il-kont infetah fil-11 ta' Settembru, 1998.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Kap 386 fl-artikolu 35 jghid:
"Ikun hemm xoljiment ta' socjetà f 'isem kollettiv -
(a) meta z-zmien stabbilit, jekk il-kaz, ghad-dewmien taghha jiskadi...."

u l-artikolu 37 ikompli:
"(2) Jekk is-socji ma jaqblux dwar min ghandu jinhatar stralcjarju, il-hatra ghandha ssir mill-qorti wara rikors minn xi wiehed mis-socji, mill-kredituri tas-socjetà jew mir-Registratur."

Issa skond il-klawsola numru 5 tal-ftehim socjali li gie stabbilit bejn il-partijiet jghid hekk:
"5. *The Partnership is being formed for a period of one year from 1/11/98, provided that if no one of the Partners shall give notice by registered letter to the other Partner, at least one month before the expiry of the original or of any of the renewed terms, then the Partnership shall be considered to be automatically renewed for a further period of one (1) year so that the term of the Partnership may be renewed from one (1) year to one (1) year until notice to the contrary is given as aforesaid*."

Ikkunsidrat li fil-kaz *de quo* l-ligi tipprovdi li ghandu jkun hemm xoljiment ta' socjetà f 'isem kollettiv meta z-zmien stabbilit ghall-ezistenza taghha jiskadi. Skond il-klawsola numru 5 tal-ftehim socjali dan iz-zmien kien ghal sena li jiggedded awtomatikament ghall-perijodi ohra ta' sena kull darba sakemm wiehed mis-socji ma javzax lill-iehor bil-miktub li ma jridx igedded. Dan fil-fatt gara u ghalhekk wasal it-tmiem. Naturalment hemm bzonn tal-qsim ta' l-

assi kollha wara li jsir il-hlasijiet kollha dovuti inkluz fejn hemm kawzi pendenti.

Fir-risposta tieghu l-intimat sostna li qed jintalab l-istralc tas-socjeta` *en nom collectif* Attard Brothers (P38) u allura s-socjeta` kellha tigi citata fil-gudizzju. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunar. Is-socjeta` *en nom collectif* Attard Brothers hija maghmula mis-socji liema socji huma kollha inkluzi fil-kawza. Is-socjeta` bhala tali ma ghandha ebda interess li tezisti jew le u ghalhekk ma ghandhiex interess li tkun parti mill-kawza. Kien essenzjali li kull socju jkun parti mill-kawza – haga li fil-fatt grat u ghalhekk tichad din l-ewwel eccezzjoni.

Saru diversi tentattivi biex il-kawza tigi evitata izda hu ovvju li dan ghal xejn. Kif xehed l-istess intimat il-partijiet ghandhom interessi konfliggenti – wiehed irid jittermina u l-iehor ma jridx u ta anke r-ragunijiet ghal dan. Ghalhekk tichad din it-tieni eccezzjoni.

Fit-tielet eccezzjoni tieghu l-intimat sostna li r-rikorrent qieghed jipprocedi bil-kawza odjerna peress li jrid illi jistultifika kull hlas li diga` kien hemm qbil fuqu, li huwa dovut lill-intimat. Semma l-erba' kawzi li hemm. Izda l-iskop ta' l-istralcjarju nominat mill-Qorti huwa propju li jsolvi dawn il-problemi u ghalhekk il-Qorti tichad din l-eccezzjoni. Anzi l-intimat jiehu dak li ghandu x'jiehu bin-nomina ta' l-istracjarju.

Finalment l-intimat eccepixxa li ghandu jigi stabbilit jekk l-attur kienx ghaqli u mexxiex b'dik id-diligenza li trid il-ligi lis-socjeta` in kwistjoni u di piu` ghandu jigi accertat li jigu salvagwardjati d-drittijiet kollha ta' l-intimat fil-kors ta' din il-kawza, anke in vista tal-krediti li ghandu kontra l-istess socjeta`, liema krediti ser jigu wkoll ippruvati fil-kors ta' din il-kawza. Izda dan kieku veru kellu jigi investigat snin ilu jekk l-intimat qieghed jirreferi ghal meta s-socjeta` kienet attiva; jekk min-naha l-ohra l-intimat qieghed jirreferi ghal wara hu ovvju li l-attur wahdu ma setax jipprocedi u jekk xejn aktar juri n-necessita` li jigi nominat l-istralcjarju. Ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

Fil-kaz in ezami zgur li ma hemmx qbil bejn is-socji dwar min ghandu jinhatar stralcjarju, u ghalhekk il-hatra ghandha ssir mill-Qorti.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Kif issemma hawn fuq l-eccezzjonijiet ta' l-intimat gew michuda.

Dwar it-talbiet tar-rikorrent il-Qorti tiddikjara li l-perijodu stabbilit mill-*Memorandum and Articles* tas-socjeta` Attard Brothers Registrazzjoni P38/10 skada;

Tordna x-xoljiment tas-socjeta` premessa a tenur ta' l-artikolu 35(a) ta' l-Att dwar il-kumpaniji;

Tahtar bhala stralcarju ghax-xoljiment tas-socjeta` a tenur ta' l-art 37(2) ta' l-Att Dwar il-Kumpaniji lil Dr. Abigail Galea.

Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------